



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2016/0205(NLE)

29.11.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (10975/2016 – C8-0438/2016 – 2016/0205(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Charles Tannock

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) se jsahha b'mod konsiderevoli r-relazzjonijiet UE-Kanada u jirrappreżenta strument importanti fl-isforzi tal-UE biex issawwar l-istandards tal-kummerċ globali fis-seklu XXI.

Il-Kanada u l-UE jaqsmu flimkien impenn qawwi favur id-demokrazija, il-libertajiet fundamentali, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-kummerċ liberali u miftuħ u l-multilateraliżmu. Il-Kanada ilha mill-1996 sieħba strateġika tal-UE kif ukoll alleata importanti fix-xena internazzjonali. Il-Kanada u l-UE kkollaboraw mill-qrib fuq sfidi globali bħat-tibdil fil-klima, id-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà tal-enerġija, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u l-migrazzjoni furzata. Il-Kanada tikkontribwixxi regolarment għall-missjonijiet ċivili u militari tal-UE fil-qafas tal-PSDK u hija alleata importanti fi ħdan in-NATO. Il-konklużjoni tas-CETA jkun sinjal qawwi tal-importanza u tal-vitalità kontinwi tar-relazzjonijiet trans-Atlantiċi, f'perjodu li fih iż-żewġ reġjuni qed iħarsu b'attenzjoni dejjem akbar lejn l-Asja u lejn reġjuni oħra tad-dinja.

Is-CETA huwa l-ftehim ta' kummerċ ħieles l-aktar modern li l-UE qatt innegożjat. Fih kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli, ix-xogħol u l-ambjent li jinkludu impenji ambizzjużi fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent u tad-drittijiet tal-ħaddiema. Il-ftehim jinkludi wkoll miżuri maħsuba biex jiżguraw il-parteciċipazzjoni tal-impriżi, tat-trade unions, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet soċjali u ambjentali u tal-ftehim b'mod ġenerali. Barra minn hekk, is-CETA rrivoluzzjona l-mod kif jiġi riżolt it-tilwim bejn l-investitur u l-Istat. Sistema ġurisdizzjonali ġdida u permanenti għall-investimenti, bi mħallfin nominati mill-awtoritajiet Ewropej u Kanadiżi u b'mekkaniżmu ta' appell, se tieħu post is-sistema l-antika tal-arbitraġġ. Is-CETA jkun għalhekk jirrappreżenta pass essenzjali lejn kummerċ globali aktar ekwu, ġust u bbażat fuq regoli. F'perjodu meta l-fatt li potenzi ġodda jinbtu fix-xena dinjija jixħet dejjem aktar dubji fuq il-kapaċità tal-Punent li jiddefinixxi n-normi u l-istandards globali, jekk jiġi konkluż is-CETA r-rwol tal-UE bħala attur globali fundamentali jissaħħa.

Is-CETA huwa akkumpanjat minn ftehim ta' sħubija strateġika (FSA), maħsub biex jintensifika l-kooperazzjoni bilaterali f'setturi bħall-politika estera u ta' sigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-kriminalità organizzata, l-iżvilupp sostenibbli, ir-riċerka u l-kultura. Flimkien, iż-żewġ ftehimiet se jippermettu lir-relazzjonijiet UE-Kanada jsiru saħansitra aktar sodi, għall-ġid taċ-ċittadini fuq iż-żewġt ixtut tal-Atlantiku. Fid-dawl tan-negożjati kummerċjali mal-Istati Uniti u mal-Messiku, is-CETA jirrappreżenta l-ewwel pass lejn żona usa' ta' kummerċ ħieles fl-Atlantiku tat-Tramuntana.

Fid-dawl tal-vantaġġi politiċi u ekonomiċi li joħorġu mis-CETA jekk jiġi konkluż b'suċċess u tal-kontribut pożittiv tiegħu għar-regoli tal-kummerċ globali, ir-rapporteur jipproponi li l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jirakkomanda l-approvazzjoni ta' dan il-ftehim.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jirakkomanda l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|--|
| Titolu | Konklużjoni tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra |
| Referenzi | 10975/2016 – C8-0438/2016 – COM(2016)0443 – 2016/0205(NLE) |
| Kumitat responsabbli | INTA |
| Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET 21.11.2016 |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Charles Tannock 8.9.2016 |
| Eżami fil-kumitat | 14.11.2016 |
| Data tal-adozzjoni | 29.11.2016 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 27 –: 12 0: 14 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Lars Adaktusson, Nikos Androulakis, Petras Auštrevičius, Amjad Bashir, Goffredo Maria Bettini, Elmar Brok, James Carver, Fabio Massimo Castaldo, Georgios Epitideios, Knut Fleckenstein, Eugen Freund, Sandra Kalniete, Afzal Khan, Janusz Korwin-Mikke, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Ilhan Kyuchyuk, Ryszard Antoni Legutko, Arne Lietz, Barbara Lochbihler, Andrejs Mamikins, Ramona Nicole Mănescu, Jean-Luc Mélenchon, Vincent Peillon, Alojz Peterle, Tonino Picula, Cristian Dan Preda, Sofia Sakorafa, Jacek Saryusz-Wolski, Alyn Smith, Jaromír Štětina, Charles Tannock, László Tókéš, Ivo Vajgl, Elena Valenciano, Hilde Vautmans |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Laima Liucija Andrikiene, Brando Benifei, Luis de Grandes Pascual, Mariya Gabriel, Ana Gomes, Takis Hadjigeorgiou, Marek Jurek, Antonio López-Istúriz White, Urmas Paet, Soraya Post, Igor Šoltes, Renate Sommer, Bodil Valero, Marie-Christine Vergiat, Janusz Zemke, Željana Zovko |
| Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Michel Reimon |